# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru 21**

**Citaz. numru: 2375/99 NA**

**Eugenio Sultana**

**vs**

**Avukat Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante nominati bhala kuraturi deputati ta' l-imsiefra Majbrit Sultana nee' Mortensen b'digriet tal-1 ta' Frar 1999**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-1 ta' Novembru 1999 fejn ippremetta:

"Illi l-kontendenti zzewgu fis-26 ta' Jannar 1991 u minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

Illi l-konvenuta martu rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, ingurji gravi u abbandun tant li hi halliet Malta u rritornat lura d-Danimarka;

Illi inoltre, anke in vista tal-premess, iz-zwieg tal-kontendenti tkisser irremedjabbilment;

Illi l-istanti talab u ottjena mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili d-digriet tat-23 ta' Frar 1999 l-awtorizzazzjoni biex jipprocedi ghas-separazzjoni personali fil-konfront ta' l-istess martu;

TALAB li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tippronunzja s-sepaazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija jew htija imputabbli lill-konvenuta;

2. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u l-assi komponenti l-istess komunjoni assenjati lill-attur, anke ghaliex il-konvenuta ddikjarat li ma trid xejn mill-istess assi;

3. tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parte d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u/jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

4. sussidjarjament, u jekk ikun il-kaz, li tawtorizza lill-attur jabita fid-dar konjugali Numru 43, Governor William Reid Street, Dingli.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Il-konvenuti f'dawn il-proceduri kienet rapprezentata mill-kuraturi deputati Dr. Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante peress illi l-istess konvenuta kienet assenti minn dawn il-Gzejjer. Huma ghamlu n-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramentata solita fl-10 ta' April 2000 fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti pero' eccepew ukoll "*illi kull qasma trid issir skond il-ligi.*" Talbu wkoll illi jkollhom l-indirizz ta' l-assenti.

Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2000 xehed l-attur. Il-mara kienet abbandunat id-dar fl-1998. Qaltlu li ma kenitx ser tmur lura d-dar, biex ma jiktbilhiex u jibborderjaha aktar ghax ma kenitx ghadha thobbu. Kull ma kellhom bhala assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti kienet id-dar konjugali li kien qed ihallasha l-attur peress illi kien ghad hemm id-dejn mal-Lohombus. Fir-rigward ta' din id-dar kienet ukoll qaltlu li seta' jzommha ghax hija ma riditiex. Hija kienet halliet ukoll diversi djun li kien sejjer ihallashom hu.

L-attur rega' xehed fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2001 fejn esebixxa kopji ta' zewg ittri li martu kienet baghtet fl-1998 lil certu Mohammad. Huwa kien ta l-ahhar indirizz ta' martu li kien jaf bih lill-kuratur Dr. Zammit. Fl-1999 kienet baghtitlu ittra li pero' ma gietx iffirmata biex id-difensur tieghu jkun awtorizzat jidher f'isimha biex id-drittijiet kollha taghha fuq il-proprieta' 43, Governor William Reid Street, Had-Dingli jigu trasferiti lil zewgha "*so we can get separated by the State of Malta*".

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja illi fiz-zmien li giet proposta l-kawza odjerna ma kienux ghadhom ghaddew sentejn minn mindu l-konvenuta abbandunat lill-attur minghajr raguni tajba, fid-data li sejra tinghata din is-sentenza jkunu ghaddew aktar minn sentejn. Il-konvenuta mhux talli kompliet fl-abbandun taghha izda ghad-dirittura waqqfet il-kuntatti kollha ma' l-istess attur. Mix-xhieda ta' l-attur ma tirrizulta ebda raguni valida ghax il-konvenuta kellha tipprocedi b'dan il-mod u anqas ma ngabet xi raguni valida mill-kuraturi deputati. Dan iwassal lill-Qorti biex ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni, konsiderat ukoll ix-xhieda moghtija w id-dokumenti esebiti, illi l-konvenuta abbandunat lir-ragel u lid-dar matrimonjali peress illi kienet bdiet relazzjoni extra-maritali ma' dan certu Mohammad. Dawn il-konsiderazzjonijiet kif ukoll il-fatt illi ma jidhirx illi huwa kkontestat illi l-unika assi fil-komunjoni ta' l-akkwisti hija d-dar konjugali li mhux biss il-konvenuta ma tantx tidher illi ghandha nteress fuqha izda jirrizulta wkoll li nxtrat u giet imhallsa l-aktar bil-hidma ta' l-attur iwasslu lill-Qorti li tilqa' t-talbiet attrici bil-mod segwenti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htija imputabbli lill-konvenuta;

2. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna illi d-dar matrimonjali li mill-provi jirrizulta illi hija l-unika assi li tezisti fil-komunjoni ta' l-akkwisti tigi assenjata fl-intier taghha lill-attur li pero' ghandu jkun unikament responsabbli ghad-djun kollha ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti;

3. tapplika kontra l-konvenuta interament id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

4. tastieni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante illi d-dar konjugali giet assenjata interament lill-attur.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.